MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 158/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Etienne Buttigieg**
***… omissis …***
***… omissis …***

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Etienne Buttigieg talli:

(1) flimkien mat-tliet ko-imputati l-ohra, fil-15 ta' Dicembru 2006 u fil-granet ta' qabel, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi elf lira Maltin (Lm1,000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

(2) sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-imsemmi Etiene Buttigieg **"hati tal-akkuza ta' recidiva w tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra w tiddeciedi li tikkundannah, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ghall-piena karcerarja u effettiva ta' sentejn."** Inoltre kompliet tiddikjara hekk: **"Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, l-Qorti tilqa' tali talba w tikkundanna lill- imputati jhallsu l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati, w cioe` ta' Philip Zammit [fol. 255 tergo], Joseph Zammit [fol 289], PS 644 Evan Camilleri u PS 36 Sergio Azzopardi [fol 304] fl-ammont komplessiv ta' mitejn erbgha w sebghin Lira u disgha w hamsin centezmu ekwivalenti ghal sitt mija w erbghin Ewro [€640] u dan fi zmien sitt xhur minn meta jigu hekk interpellati mid-Direttur tal-Qorti Kriminali w jekk l-imputati jonqsu li jhallsu l-ammont dovut, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro w hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovuta"**;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Etienne Buttigiegipprezentat fil-25 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux hati ta' l-akkuzi 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 u lliberatu minn tali akkuzi; izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tat-8 akkuza ta' recidiva u kkundannatu ghal sentejn prigunerija effettiva u ordnatlu biex flimkien ma' l-akkuzati l-ohra jhallas l-ispejjez ta' l-esperti, u din billi tilliberah mill-imsemmija akkuza u mill-

ordni tal-hlas ta' tali spejjez. Tibqa' impregudikata l-pozizzjoni ta' l-akkuzati l-ohra;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li r-recidiva mhix att kriminali izda addebitu li jitqies biss fil-kuntest ta' reat kriminali ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ta' recidiva jekk fl-istess sentenza ma kinitx qed issibu hati ta' reat iehor; (2) li, subordinatament u bla pregudizzju, ma kellux jinghata piena ferm u ferm aktar harxa minn tal-ko-imputati l-ohra; (3) li, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannah ghall-hlas ta' spejjez galadarba dawn kienu jirreferu ghall-hruq ta' vettura u hadd ma kien instab hati ta' dak ir-reat.

**6.** Din il-Qorti sejra tissofferma fuq l-ewwel aggravju li jirrigwarda d-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti fil-konfront ta' l-appellant, riprodotta fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza u li sejra terga' tigi riprodotta *in toto* hawn, kif tirrizulta minn pagna 49 tas-sentenza appellata:

**"Fil-konfront ta' ETIENNE BUTTIGIEG tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza ta' recidiva w tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra w tiddeciedi li tikkundannah, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ghall-piena karcerarja u effettiva ta' sentejn."**

**7.** M'hemm l-ebda dubju illi r-recidiva mhijiex xi forma ta' reat izda addebitu li permezz tieghu persuna tigi punita ghal fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghall-istess fatt izda ghall-ewwel darba u bla precedenti. L-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jiddisponi: **"Persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor"** Fil-kaz ta' delitti mbaghad l-artikolu 50 ta' l-istess Kap. 9 jipprovdi: **"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun**

**skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor."**

**8.** Fil-kaz in ezami, nonostante illi l-ewwel Qorti fil-*considerandi* taghha qalet illi kien hemm ammissjoni ta' l-appellant[1], fid-*decide* ghazlet li kellha ssibu hati biss ta' l-addebitu ta' recidiva u tilliberah **"mill-akkuzi kollha l-ohra"** (in effetti huwa kien gie akkuzat b'reat wiehed, dak ta' ricettazzjoni). Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hi legalment insostenibbli, fis-sens illi galadarba l-appellant ma gie dikjarat hati ta' ebda reat, ma setax jinstab hati biss li kien recidiv.[2] Il-prosekuzzjoni ma ndunatx b'dan l-izball u l-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza. Konsegwentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra hlief li tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza ta' recidiva u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dan l-addebitu u tilliberah minnu, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu sentejn prigunerija u in kwantu kkundannatu jhallas spejjez peritali ai termini ta' l-artikolu 533 u minflok tilliberah minn kull piena. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---

[1] Fis-seduta tat-22 ta' Dicembru 2006 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-appellant irregistra ammissjoni dwar it-tmien akkuza. Fis-seduta ta' l-1 ta' April 2009 imbaghad saret kjarifika fis-sens illi l-ammissjoni kienet dwar is-seba' u mhux it-tmien akkuza. Minn ezami ta' l-akkuza a fol. 2 u 3 tal-process fil-fatt jirrizulta illi saret rinumerazzjoni ta' l-imputazzjonijiet peress illi dik bin-numru wiehed kienet biss l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] Din il-Qorti tosserva ghal kull bwon fini illi, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant ma rregistra ebda ammissjoni dwar l-addebitu ta' recidiva.

---------------------------------TMIEM---------------------------------